Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr. Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.

Il-Pulizija
[Spettur Roderick Zammit]

vs

Francis Bartolo

Kumpilazzjoni Numru: 310/2012

Illum, 11 ta' Novembru, 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Francis Bartolo detentur tal-karta tal-identita` numru 888647M akkuzat talli fid-19 ta' Frar 2012,

ghall-habta ta' 22:00hrs, gewwa l-hanut 'Black Beauty Bar', sitwat fi Triq Guze Ellul Mercer, Qormi:

1) Dolozament minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed f'periklu car il-hajja ta' Doreanne Abela (KI 525282M) taha daqqa ta' strument li jaqta' u bil-ponta u kkagunalha feriti ta' natura gravi hekk kif certifikat minn Dr. Geoffrey Bonnici M.D. 3214;

2) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi kellu fuq il-persuna tieghu xi arma regolari jew munizzjon jew xi imitazzjoni ta' dawk l-oggetti fil-waqt li kien qed jaghmel reat kontra s-sigurta` tal-gvern jew kontra l-persuna (minbarra omicidju involontarju jew offiza involontarja fuq il-persuna), jew ta' serq jew hsara fil-proprjeta` (minbarra hsara involontarja fil-proprjeta`);

3) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi garr il-barra minn xi fond jew id-dintorni tieghu sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta minghajr ma kellu licenzja jew permess minghand il-Kummissarju tal-Pulizija;

4) U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi volontarjament kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata wiehed u ghoxrin (21) ta' Marzu tas-sena elfejn u tnax (2012) fejn ta l-kunsens tieghu sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tas-16 ta' Settembru 2019 fejn l-imputat irregistra ammissjoni.

Rat illi fl-udjenza tal-11 ta' Novembru 2019 l-imputat rega' kkonferma l-ammissjoni tieghu li kienet wahda libera u inkondizzjonata tal-akkuzi kif dedotti kontrih u li kkonferma tali ammissjoni anke wara li nghata zmien opportun sabiex jikkonsidra l-posizzjoni tieghu;

Rat il-verbal tas-16 ta' Settembru 2019 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza;

Rat l-atti kollha tal-kawza senjatament il-fedina penali tal-imputat li hija wahda kwazi netta kif ukoll l-istqarrija tal-imputat;

Ikkunsidrat:

Illi fid-dawl tal-ammissjoni hekk kif ikkonfermata fis-seduta tal-hdax (11) ta' Novembru, elfejn u dsatax (2019) maghmula mill-imputat ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u anke fid-dawl tal-provi mressqa mill-Prosekuzzjoni, il-Qorti ma tistax hlief issibu hati tal-istess imputazzjonijiet.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-Artikoli 216, 217 u 338(dd) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 6, 55(a) u 51 tal-Kapitolu 480 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni, qed issib lill-imputat Francis Bartolo hati tal-akkuzi kollha migjuba kontra tieghu u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3) snin mil-lum.

Finalment il-Qorti qed taghti lill-imputat Francis Bartolo l-ispjegazzjoni preskritta fis-subartikolu 22(3) tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A. LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**